

# IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Regolament dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni Ewropea għall-inbid, ix-xorb spirituwż u l-prodotti agrikoli, u l-iskemi tal-kwalità għall-prodotti agrikoli

(2022/C 454/04)

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinkiseb bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-EDPS <https://edps.europa.eu>)

Fit-2 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni Ewropea adottat Proposta għal Regolament dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-Unjoni Ewropea għall-inbid, ix-xorb spirituwż u l-prodotti agrikoli, u l-iskemi tal-kwalità għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2017/1001 u (UE) 2019/787 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ("il-Proposta").

L-għanijiet ġenerali tal-Proposta huma tnejn: l-iżgurar ta' protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (DPI) fl-Unjoni - inklużi proċessi effiċjenti ta' reġistrazzjoni - biex il-produtturi jiġu ppremjati b'mod ġust għall-isforzi tagħhom u biex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG) madwar l-Unjoni.

L-EDPS jinnota b'mod pożittiv li l-Proposta tiddetermina r-rwoli tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali fil-proċeduri taħt din il-Proposta.

Fl-istess ħin, l-EDPS jirrakkomanda li jiġi indikat b'mod espliċitu r-rwol tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) bħala kontrollur konġunt flimkien mal-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, l-EDPS jirrakkomanda li jiġi previst arranġament kif previst mill-Artikoli 28 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni 1247/2002/KE <sup>(1)</sup> (EUDPR) u/jew l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE <sup>(2)</sup> (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (GDPR). F'dan ir-rigward, l-EDPS jirrakkomanda l-inklużjoni ta' għoti ta' setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta att ta' implimentazzjoni li jkopri arranġamenti dettaljati biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.

L-EDPS jirrakkomanda li fil-Proposta nnifisha jiġu identifikati l-kategoriji differenti ta' data personali li għandhom jiġu inklużi fid-dokumentazzjoni ta' sostenn li takkumpanja l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, l-oppożizzjonijiet u l-kummenti uffiċjali, l-estratti mir-reġistru tal-Unjoni u d-dokument uniku. Il-Proposta għandha tindika wkoll fliema ċirkostanzi u/jew kundizzjonijiet ikun meħtieġ li xi kategoriji ta' data personali jkunu disponibbli għall-pubbliku u jiġi definit b'mod ċar għal liema oġettivi. Barra minn hekk, biex jiġi limitat l-esponiment ta' data personali għall-pubbliku, l-EDPS jirrakkomanda li jiġi vvalutat jekk ikunx xieraq li tiġi stabbilita proċedura li biha individwi li juru interess leġittimu biss ikollhom aċċess għal kategoriji addizzjonali ta' data personali, bħad-dettalji ta' kuntatt.

Fl-aħħar nett, l-EDPS jikkunsidra li l-perjodu magħżul għaż-żamma tad-data għad-dokumentazzjoni relatata mal-kanċellazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi għandu jkun ġustifikat aktar.

## 1. INTRODUZZJONI

1. Fit-2 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni Ewropea għall-inbid, xorb spirituwż u prodotti agrikoli, u skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2017/1001 u (UE) 2019/787 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 <sup>(3)</sup> ("il-Proposta").

<sup>(1)</sup> ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.

<sup>(2)</sup> ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

<sup>(3)</sup> COM(2022) 134 final.

2. L-objettivi ġenerali tal-Proposta huma: a) li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali ("DPI") fl-Unjoni, inklużi proċessi ta' reġistrazzjoni effiċjenti u, b) li jiżied l-użu tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ("IG") madwar l-Unjoni għall-benefiċċju tal-ekonomija rurali <sup>(4)</sup>.
3. Il-proposta għandha timmodifika l-qafas leġislativ tal-IG biex tarmonizza dawk ir-regoli li huma komuni għas-setturi kollha, b'mod partikolari l-proċeduri għar-reġistrazzjoni ta' isem jew għall-emendar tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, il-protezzjoni tal-ismijiet, u l-kontrolli u l-infurzar <sup>(5)</sup>. Hija tintroduċi wkoll l-involviment tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea ("EUIPO") fil-proċedura ta' reġistrazzjoni. B'mod aktar speċifiku, filwaqt li l-valutazzjoni fil-livell nazzjonali għandha tibqa' f'idejn l-Istati Membri, l-EUIPO għandu jipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni matul l-iskrutinju fil-livell tal-UE tal-applikazzjonijiet u l-oppożizzjonijiet <sup>(6)</sup>.
4. L-Opinjoni preżenti tal-EDPS hija maħruġa bi tweġiba għal konsultazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea tat-23 ta' Mejju 2022, skont l-Artikolu 42(1) tal-EUDPR. F'dan ir-rigward, l-EDPS jistieden lill-koleġiżlaturi biex jinkludu referenza espliċita għal din il-konsultazzjoni f'waħda mill-Premessi tal-Proposta.

#### 4. KONKLUŻJONIJET

23. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-EDPS:

- (1) jilqa' l-ħatra espliċita ta' kontrolluri fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali fil-proċeduri stabbiliti mill-Proposta.
- (2) jirrakkomanda li jiġi definit b'mod espliċitu r-rwol tal-EUIPO bħala "kontrollur konġunt" flimkien mal-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 3 skont it-tifsira tal-Artikoli 28 tal-EUDPR u 26 tal-GDPR.
- (3) jirrakkomanda li fil-Proposta jiġu speċifikati l-kategoriji ta' *data* personali li huma meħtieġa għall-ġestjoni korretta tal-proċeduri ta' reġistrazzjoni, emenda jew kanċellazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar ta' *data* personali jkun limitat għal dak li huwa direttament rilevanti u meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet speċifikati tal-Proposta.
- (4) jirrakkomanda li fil-Proposta jiġi identifikat liema kategoriji ta' *data* personali għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku u jiġi definit b'mod ċar għal liema skopijiet u jekk għandhiex tiġi prevista proċedura biex jiġi żgurat li individwi li juru interess leġittimu biss ikollhom aċċess għal kategoriji addizzjonali ta' *data* personali, bħad-dettalji ta' kuntatt.
- (5) fin-nuqqas ta' ġustifikazzjoni ulterjuri, jirrakkomanda li jitnaqqas il-perjodu ta' żamma previst għad-dokumentazzjoni relatata mal-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-IG sa fejn din tikkonċerna d-*data* personali.

Brussell, it-18 ta' Lulju 2022.

Wojciech Rafał Wiewiórowski

<sup>(4)</sup> COM(2022) 134 final/2, p. 2.

<sup>(5)</sup> COM(2022) 134 final/2, p. 4.

<sup>(6)</sup> COM(2022) 134 final/2, p. 10.